F'San Ġiljan (1911-1920) (II)

# Servizzi Privati, Sptarijiet u Trasport

**Winston L. Zammit**
*B.A. (Hons.), P.G.C.E, M.A.*

F'dan il-perjodu l-komunità Ġiljaniża kellha s-servizz tat-Tabib tal-Gvern (*District Medical Officer*) li kien jaqdi l-ħtiġijiet ta' Tas-Sliema, San Ġiljan u l-Bajja ta' San Ġorġ.[1] Iżda l-Ġiljaniżi ma kellhomx skola primarja għad-dispożizzjoni tagħhom. Għaldaqstant it-tfal Ġiljaniżi kellhom iterrqu ta' kuljum lejn Tas-Sliema.

## Servizzi Privati

F'San Ġiljan kien hemm, bħal f'kull komunità, numru ta' servizzi privati. F'Jannar 1911 kien hemm *restaurant 'Queen's Cup Restaurant'*, proprjetà ta' Giuseppe Pace fi *Strada Nuova 'being the first house on the new road starting to St. Julian's Bay.'*[2]



*Il-Palazz Spinola, is-sit ta'* Forrest Hospital.

Fl-1916 kien hemm skola '*English Universal School, Spinola Bay, St. Julian's'*. Skont avviż li deher f'gazzetta lokali f'Settembru 1916, insibu li din l-iskola, li kienet tinkludi kulleġġ għall-interni, kienet ser terġa' tiftaħ nhar il-Ġimgħa 15 ta' Settembru fit-8.30a.m.[3] Fl-1918, San Ġiljan kellu wkoll '*Teatrino Melita*' f'nru 31, *Strada Carmine, San Giuliano.*[4]

## Żewġ Sptarijiet

Fi ħdan il-komunità Ġiljaniża kien hemm żewġ sptarijiet, il-*Forrest Hospital* f'Palazzo Spinola, li kien tal-Militar Ingliż, u l-isptar Zammit Clapp, mibni mis-Sinjuri Harry u Emilia Clapp, li kien immexxi mis-*Sorijiet tal-Little Company of Mary (Blue Sisters).*

Insibu li f'*Forrest Hospital* fit-tmiem tal-1910 kien hemm *detachment* żgħir ta' tnax-il raġel tar-*Royal Army Medical Corps*[5]. Fl-1916, is-Supretendent ta' dan l-isptar kien Dr Robert Sammut M.D., il-kompożitur tal-mużika tal-Innu Malti, u nsibu li fl-istess sena dan l-isptar kellu wkoll tim tal-*football.*[6]



*L-Isptar Zammit Clapp, li tlesta fl-1910 u li ngħata lill-Gvern f'jum l-inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ V (Ġunju 1911).*

Dwar l-Isptar Zammit Clapp, li nbena mis-Sinjuri Harry Clapp u martu Emilia neè Zammit, insibu li dan tlesta fl-1910[7]. Sena wara, fit-23 ta' Ġunju 1911, f'Jum l-Inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ V, is-Sinjuri Zammit Clapp permezz ta' att ta' donazzjoni taw dan l-isptar lill-Gvern taħt ċerti kundizzjonijiet fosthom li t-tmexxija tal-isptar kellha tkun f'idejn il-'*Blue Sisters.*'[8]

Sitt snin wara, nhar is-17 t'Ottubru 1917, l-Arċisqof Dom Mauro Caruana O.S.B., assistit mill-Kanonċi Mons. Luigi Attard u Mons. Pawlu Gauci, għamel iċ-ċerimonja tat-tberik tal-ewwel ġebla tal-kappella ta' dan l-isptar fil-preżenza tal-Gvernatur u Lady Methuen.

Din il-kappella, li nbniet a spejjeż tas-Sinjura Mary Zammit bħala tifkira ta' oħtha Emilia u żewġha Harry Clapp,[9] għandha forma rotunda, b'sagristija u b'kamra mortwarja sottoposta. Il-bini sar taħt id-direzzjoni tas-Sur Edoardo Borg Cardona P.A.A., u ġiet inawgurata mill-Arċisqof Dom Maurus Caruana O.S.B. fl-20 ta' Marzu 1918.[10]

## Għaqda Ċivili

Fl-1917, f'San Ġiljan kien hemm grupp ta' '*Sea Scouts*,' li bejn l-14 u t-28 t'Awwissu 1917 għamlu *camping* fil-Mellieħa[11].



*Il-Bajja ta' Spinola fil-bidu tas-Seklu XX. Jidher il-moll li ntrama għas-servizz tal-lanċa u wisq probabbli l-istess* restaurant *imsemmi fl-artiklu – il-*Queen's Cup Restaurant.

## It-Trasport bl-Art u l-Baħar

Avviż f'gazzetta lokali ta' Lulju 1920, jgħidilna li l-Ħadd 11 ta' Lulju 1920, beda s-servizz tal-karozza tal-linja lejn San Ġiljan minn Tas-Sliema mill-Kumpanija *'Cottonera'*.[12] Dwar it-trasport bil-laneċ, insibu *'The National Steam Ferry Boat Service'*, li kienet tipprovdi s-servizz bil-laneċ f'Marsamxett bejn Tas-Sliema u l-Belt Valletta. Nhar l-1 ta' Lulju 1912 beda s-servizz tas-sajf bejn Marsamxett u San Ġiljan b'waqfa fil-Bajja ta' Spinola.[13]


**Referenzi**

1 *The Malta Herald,* 31.VIII.1911, 5.IX.1911.
2 *D(aily) M(alta) C(hronicle),* 26.I.1911.
3 MALTA, 12.IX.1916.
4 D.M.C., 31.VII.1918.
5 Ibid., 3.I.1911.
6 Ibid., 1.III.1916 p.7, 24.III.1916 p.7.
7 Ibid., 4.VI.1910, 11.VI.1910.
8 Ibid., 30.VI.1911, 3.VII.1911.
9 Ibid., 26.X.1917, 27.X.1917.
10 MALTA, 22.III.1918.
11 D.M.C., 3.IX.1917.
12 MALTA, 13.VII.1920.
13 D.M.C., 2.VII.1912.